**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 03/2026

**L-Erbgħa 25 ta' Frar, 2026**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fit-15:00.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul Grech – Viċi Sindku

Carmel Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

Therise Abela – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit qabel ippresjeda l-laqgħa, żamm minuta silenzju b'rispett lejn omm il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul, is-sinjura Josephine Ellul Grech, li ħalliet din id-dinja fil-jiem li għaddew.

## 03.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

03.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li kulħadd kien preżenti.

## 03.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 01/K9/2026.

0.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 01/K9/2026 kif ippreżentati.

0.02.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

0.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 02/K9/2026.

03.03.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 02/K9/2026 kif ippreżentati.

03.03.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.03.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.04 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/0739/26/I** Ċirkulari AKL 2026/009 - Kollaborazzjoni għal tifi ta' dwal waqt l-attivita' tal-'Earth Hour 2026' li ser tkun fit-28 ta' Marzu 2026 bejn it-20:30pm u d-21:30pm.

**46/1659/26/I** Email mingħand LGD dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-Earth Hour 2026 li ser issir fit-28 ta' Marzu.

03.04.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/0739/26/I u 46/1659/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

03.04.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1018/26/I** Kwotazzjonijiet mingħand il-Mica Med ghal dawl ġdid fi Triq Mikiel Ang. Grima, Triq San Patrizju u Triq il-Kurunell Cocks.

03.04.4 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1018/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova dawn in-nefqiet, inkluż li dwar ta' Triq il-Kurunell Cocks għandha tinħareġ il-works order relatata, dwar ta' Triq Mikiel Anġ Grima għandha tiżdied mal-applikazzjoni li qed tiġi sottomessa lill-PA għal DPF.

03.04.5 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.04.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1469/26/I** Email mingħand Project Green fejn talbu l-Kunsill jipproċedi bl-istima ta' dawl ġdid fil-Ġnien il-Madonna tal-Vitorija (San Patrizju) u ladarba jitlesta x-xogħol isir rimburzar.

03.04.7 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1469/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova dawn in-nefqa, u tinħareġ works order li eventwalment spiża ser tiġi koperta minn PG.

03.04.8 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1069/26/I** Ċirkulari mingħand AKL 2026/01 dwar il-Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali.

03.04.10 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1069/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi b'din il-polza.

03.04.11 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.04.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1082/26/I** Email mingħand AKL fejn b'referenza għaż-żieda fir-rata tal-librar informaw lill-Kunsill li minkejja d-diversi tentattivi sabiex ikun hemm l-emendi meħtieġa fil-kuntratt, dan ġie rifjutat li jsir minnaħa tad-Diviżjoni u għalhekk mhux se jibqgħu jinsistu fuq xi ħaġa li jemmnu li hija tajba iżda ħaddieħor irid iħalli kollox kif inhu.

03.04.13 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1082/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill jieħu nota ta' dan, jinforma lill-librar b'dan u japprova li l-ħlas tal-arretrati jsir mal-pagamenti li jmiss.

03.04.14 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1123/26/I** Email mingħand is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn b'referenza għall-proġett tas-solar lights fi Triq il-Mediterran talab biex il-Kunsill jipproċedi bil-pjan li ma jirrekjediex l-involviment (approvazzjoni) tar-residenti msemmija.

**46/1693/26/I** Email mingħand Engineering Services Directorate fejn b'referenza għax-xogħol fuq it-tieni parti ta' Triq il-Mediterran staqsa x'ser jagħmel bl-arbli u jekk it-trinek hux ser isiru minnhom jew mill-kuntrattur tal-Kunsill.

03.04.16 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1123/26/I u 46/1693/26/I** fejn ippropona li la ma kienx hemm feedback, il-Kunsill ser jipproċedi bil-proġett u l-infrastruttura li hemm, u jekk mhux ser tiċċaqlaq mill-Enemalta tibqa' fejn tinsab.

03.04.17 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.04.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1193/26/I** Email mingħand FMX fejn qed jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex issir attivita' ta' Freestyle Motocross fil-Park & Ride għall-aħħar ta' Mejju bidu ta' Ġunju.

**46/1263/26/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn b'referenza għall-attivita' proposta nforma l-Kunsill irid joqgħod attent minħabba l-istorbju u l-inkonvenjent għar-residenti.

03.04.19 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1193/26/I u 46/1263/26/I** fejn ippropona li ġaladarba m'hemm xejn ippjanat fiż-żona, jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn TM u r-regolamenti jaderixxu magħhom, il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni.

03.04.20 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.04.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1226/26/I** Kwotazzjoni mingħand J&K Contractors sabiex isiru l-pajpijiet għal dawl ġdid u tiġi rranġata l-bankina fi Triq Rużar Briffa c/w Triq Mikiel Ang Grima għall-prezz ta' €12,277.56.

03.04.22 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1226/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi b'din il-kwotazzjoni u ssir l-applikazzjoni neċessarja għal DPF.

03.04.23 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1311/26/I** Kwotazzjoni mingħand Mica Med għal irranġar ta' poles bil-globu fil-Pjazza fi Triq Pietru D'Armenia fejn wieħed waqa' bil-maltempata u l-ieħor intlaqat b'vettura għall-prezz ta' €1,834.90 il-wieħed inkluż il-VAT.

03.04.25 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1311/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi b'din il-kwotazzjoni u fakkar li din il-ħsara ta' wieħed minnhom ser titħallas minn terzi, minħabba li ġiet ikkawżata minnhom stess.

03.04.26 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.04.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1370/26/I** Email mingħand resident fejn bagħat ritratt tal-iskart li qed jintefa' fejn il-bin tal-bus stop Malfeggiani fi Triq il-Mediterran u qed jitlob li titwaħħal tabella li tindika l-multi stipulati għal min jinqabad jarmi.

**46/1389/26/I** Email mingħand resident fejn bagħat ritratt t'aktar skart li ntefa' fejn il-bin tal-bus stop Malfeggiani fi Triq il-Mediterran.

03.04.28 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1370/26/I u 46/1389/26/I** fejn ippropona li jekk huwa possibbli, l-Kunsill iwaħħal sticker apposta mal-bin.

03.04.29 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.04.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1397/26/I** Email mingħand WSC fejn talbu tweġiba mill-Kunsill dwar l-istat tat-triq ta' RO Pembroke.

03.04.31 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1397/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill jieħu l-miżuri kollha possibbli min-naħa tiegħu sakemm il-proġett propost għall-akwata jibda. Intant il-kelliem

ippropona wkoll li jsir patching adekwat fit-toroq li minn Triq il-Mediterran jagħtu għall-kosta u għal wara Sit A5 – A11.

03.04.32 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.04.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1520/26/I**
**46/1766/26/I** Email mingħand residenta minn Blk 7 fi Triq l-Imħallef William Harding fejn qed tinforma lill-Kunsill bil-problema ta' parkeġġ u talbet li l-Kunsill jikkunsidra li l-parkeġġ isir għall-użu ta' residenti tal-blokka.

03.04.34 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1520/26/I u 46/1766/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinforma lir-residenta li l-Kunsill, kif saħaq anke fil-passat, diġa informa l-AKL sabiex il-mument li l-iskema ta' parkeġġ għar-residenti terġa' tkun miftuħa minn Transport Malta, il-Kunsill ser ikun qed japplika minnufih.

03.04.35 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1571/26/I**
**46/1580/26/I**
**46/1740/26/I** Email mingħand Pembroke Athleta Athletics & Triathlon Club jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill għat-30-il edizzjoni tal-maratona tal-ġiri madwar il-lokal li ser issir it-Tlieta 31 ta' Marzu.

03.04.37 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1571/26/I, 46/1580/26/I u 46/1740/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u jipproċedi bħal ma sar fis-snin preċedenti.

03.04.38 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.04.39 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1581/26/I** Email mingħand Malta Judo Federation fejn informaw lill-Kunsill li qed ikollhom diversi lmenti mingħand ġenituri li jwasslu t-tfal dwar it-tabella ta' No right turn li hemm fi Triq Alamein, fejn qed jissuġerixxu li t-tabella ssir bil-ħin u wara l-ħin li jispiċċaw l-iskejjel ma tibqax infurzata.

03.04.40 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1581/26/I** fejn ippropona li minħabba l-fatt li jekk ikun hemm xi xogħlijiet ta' emerġenza fi Triq Sant'Andrija, Triq Alamein isservi bħala triq maġġuri li tieħdok minn Triq il-Kosta għall-bqija ta' Triq Reġjonali, it-tabella qiegħda hemm sabiex tiffaċilita' l-passaġġ tat-traffiku f'din it-triq u b'hekk ma jinħassx li jsir tibdil fl-arranġament preżenti.

03.04.41 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1673/26/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn qed jissuġerixxi l'issir l-attivita' ta' Ħamis ix-Xirka fit-2 ta' April fejn issir żjara tal-vari u l-knejjes ġewwa Rabat u l-Imdina.

**46/1835/26/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn informa l-Kunsill bil-possibilta' li tiġi amalgamata l-attivita' ta' Ħamis ix-Xirka flimkien mal-attività tar-Reġjun Lvant, ħass li din l-attività illum saret

sinonima mal-Kunsill u għalhekk din l-attivita’ għandha ssir mill-Kunsill bħala tradizzjoni.

03.04.43 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1673/26/I u 46/1835/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi b’dawn il-pjanijiet kif propost mill-Kunsillier Raymond Lanzon.

03.04.44 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.04.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1676/26/I** Email mingħand il-PA dwar Reviżjoni Parzjali tal-Pjani Lokali biex jiġu allinjati mar-Regolamenti dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi.

**46/1680/26/I** Email mingħand is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn informa l-Kunsill li fl-opnjoni tiegħu art pubblika m’għandiex tiġi kkumerċjalizzata.

03.04.46 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1676/26/I u 46/1680/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jinforma lill-PA li l-Kunsill huwa tal-opinjoni li art pubblika m’għandiex tiġi kkumerċjalizzata.

03.04.47 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.48 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1819/26/I** Email mingħand 242 Group fejn talbu l-permess tal-Kunsill għall-attivita’ li jixtiequ jorganizzaw fil-grawnd ta’ Pembroke Athleta fil-5 ta’ Ġunju 2026 bejn is-7.30pm u s-1.30am.

03.04.49 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1819/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni jekk l-attività tintemm qabel 11:00pm.

03.04.50 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.51 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1847/26/I** Email mingħand il-Kunsill Reġjun Lvant fejn b’referenza għall-edizzjoni Minn Pjazza Għal Pjazza nforma l-Kunsill li lest li jiltaqa’ mal-Kunsill sabiex ikunu diskussa l-idejat u tiġi fformulta l-applikazzjoni neċessarja.

03.04.52 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1847/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa’ din il-proposta u żied li l-Kunsill għandu javviċina ukoll lid-direttur artistiku li kien ħa ħsieb l-attivitajiet kulturali tar-Reġjun, biex jekk huwa possibbli ssir attività bil-fondi li hemm allokata.

03.04.53 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.54 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1908/26/I** Email mingħand City of Pembroke f’Ontario ġewwa Canada fejn qed jistaqsu l-Kunsill hux interessat għal partnership bejn iż-żewġ postijiet u talbu ssir online meeting.

03.04.55 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1908/26/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa’ b’sodisfazzjon din il-proposta u għanhom jiġu nfurmata lura li l-Kunsill qed juri l-interess tiegħu.

03.04.56 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.57 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1960/26/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn bagħtna l-applikazzzjoni PA/01312/26 għal żvilupp 37, 39, 41, 43 fi Triq Patri A. Tonna Barthet, Pembroke.

03.04.58 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1960/26/O** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob il-parir tal-Perit dwar dak li qed jiġi propost.

03.04.59 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.61 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li r-rain water culvert li hemm fi Triq Patri Odorik Grima, għandu jiġi estiż biex jaqsam it-triq u l-ilma jispiċċa fl-għalqa ta' faċċata.

03.04.62 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.63 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.64 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l'issir tabella tal-isem tat-Triq Patri Serafin Zarb.

03.04.65 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.66 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.67 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob stima lil B. Grima & Sons biex isir railing fil-ġnejna li hemm bejn Triq Luigi Billion u Triq Patri Indri Vella.

03.04.68 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.69 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.70 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li jsir patching fit-triq li tgħati għall-Melita FC.

03.04.71 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.72 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.73 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li jsiru tabelli nformattivi, fuq kull naħa ta' kull triq li hemm li jagħtu minn Triq il-Mediterran lejn il-baħar.

03.04.74 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.75 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.76 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li fid-dawl ta' dak mitlub mid-DGL biex l-accounts tal-Kunsill imorru fuq software li jkun fuq cloud, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jingħata l-fakultà jara liema software hemm disponibbli fis-suq, u li huwa skond ir-rekwiżiti mitluba, u jinxtara.

03.04.77 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.78 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

03.05.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet bil-miktub skond kif jitolbu l-proċeduri, u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 03.06 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

03.06.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu saru s-segwenti laqgħat:

- 02/02/2026 – Laqgħa tal-Kummissjoni Elettorali dwar il-konfini fejn kienu għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.
- 03/02/2026 – Laqgħa mal-Public Works dwar il-proġett tal-arbli tad-dawl li ser jaħdmu bix-xemx tul Triq il-Mediterran. Għall-Kunsill kien preżenti s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg filwaqt li għall-Public Works kien preżenti s-sur Neville Vassallo flimkien ma' rappreżentanti tal-kumpanija li ser tagħmel ix-xogħol u l-kumpanija MB Consulting Engineers. Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol għandu jibda fil-jiem li ġejja fejn ser jitħafru ħofor wara l-kurduna biex jinbnew il-bażijiet, jingħata l-konkos f'kull bażi, u wara li jitlestew kollha, tibda l-installazzjoni tal-arbli u tpoġġija tal-cables neċessarja. Kien hemm qbil ukoll li l-kuntrattur kellu jipprovdi stima lill-Public Works biex issir infrasfruttura ħalli l-kuntrattur tal-Kunsill ikun jista' jerġa' jixgħel l-arbli tad-dawl li hemm fit-triq li hemm minn Triq il-Mediterran għal parking ta' ħdejn Pembroke Athleta.
- 06/02/2026 – Laqgħa ma' Project Green fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg filwaqt li għall-PG kienu preżenti s-sur Benjamin Vassallo u l-Perit Ruth Cassar Galea. Is-suġġett kien dwar id-dog park, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm komunikat bejn Luxol Basketball u PG biex ikun hemm spazju ħalli jsir basketball court, l'iżda minnaħa ta' PG ikkontendew li l-unika spazju disponibbli huwa fuq is-saqaf tal-ġibjun u staqsew lill-Kunsill jekk hemm'x oġġezzjoni, inkluż li bejn il-ġibjun u Triq Dun Ġużepp Farrugia jkun hemm ukoll faċilitajiet għall-logħob tat-tfal u d-dog park isir bejn il-ġibjun u Triq Tobruk.
- 12/02/2026 – Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien attenda għat-tnedija tal-iskemi li ser jinħarġu mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, liema skemi għas-sena 2026 ser ikunu qed jammontaw għal €5 miljuni.
- 12/02/2026 - Laqgħa mal-Community Police fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit , il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg filwaqt li għall-Community Police kien preżenti s-Surġent Mintoff. Fil-laqgħa s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit staqsa biex il-Kunsill jingħata followup tal-punti diskussa fil-laqgħa preċedenti fosthom dwar jekk huwiex isir infurzar fl-akwata ta' Triq il-Profs Walter Ganado, fejn is-Surġent wieġeb li l-Pulizija m'għandiex Pulizija biex ikunu kontinwament fis-sit indikata, apparti li huma jridu jkopru l-lokal kollu u mhux żona waħda biss. Saret referenza wkoll għall-ilment imressaq mis-Segretarju

Eżekuttiv Kevin Borg dwar is-sitwazzjoni tal-vannijiet tal-iskola fi Triq Sir Luigi Preziosi fejn qed ikun hemm parking fuq il-bankina, fuq il-junction box kif ukoll fuq iż-żona riservata għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Hawn is-Surġent irrimarka li l-Kunsill kien għadu ma fehemx il-kunċett tal-Community Police u li l-Pulizija ma jistgħux ikunu kullimkien bir-riżorsi limitata tagħhom.

- 13/02/2026 – Laqgħa mal-WSC u db Group dwar ix-xogħol li għad fadal pendenti fi Triq Pietru Darmenia u Triq il-Profs Walter Ganado, fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, għall-WSC kien preżenti l-Ing. Joseph Abela u għal db Group kien preżenti l-Perit Darren Sciberras. Wara diskussjoni li saret, il-partijiet preżenti qablu li għandha tiġi diskussa u maqbula skeda ta' xogħlijiet li għad fadal li jaffetwaw it-triq ħalli jkun jista' jiġi konkluż ix-xogħol li għad fadal pendenti mill-WSC. Dan fid-dawl li l-proġett ta' db Group qed aktar ma jmur joqrob li f'partijiet sostanzjali jiġi finalizzat ix-xogħol tal-kostruzzjoni. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll mill-WSC, li x-xogħol skedat konness ma' Triq Emmanuel Decelis huwa previst li jibda fil-ġimgħat li ġejja. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-WSC ser jieħdu ħsieb li jagħmlu manutenzjoni tal-manholes li niżżlu kif ukoll tal-partijiet fejn għad hemm it-trinka li ma hemmx tarmak fuqha, u dan biex jitneħħa l-periklu li hemm. Kien hemm qbil ukoll li tinżamm laqgħa oħra bħala follow up nhar il-Ħamis 26 ta' Frar 2026.
- 17/02/2026 - Laqgħa ma' Project Green dwar il-possibilità li fid-dog park propost ikun hemm ukoll basketball Court, fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg filwaqt li għall-PG kienu preżenti is-sur Benjamin Vassallo, l-Perit Katrina Grech Mallia, Ms. Francoise Chetcuti, Ms. Andrea Ferriggi, Ms. Soraya Baldacchino, u Ms. Elizabeth Anne Marie Zammit u minn Luxol Basketball Club Ms. Mikela Fenech Pace u Mr. Eric Fenech Pace. L-eżitu tal-laqgħa kien li fuq is-saqaf tal-ġiebja, isir 3x3 għall-basketball li jkun miftuħ għall-pubbliku nġenerali u li ma jkunx hemm ebda rbit ma' terzi dwaru, u dan sabiex jitgawda minn kemm jista' ikun persuni.
- 19/02/2026 - Laqgħa mal-Public Works dwar il-proġett tas-solar street lighting tul Triq il-Mediterran, fejn għall-Kunsill kienu poreżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, il-Perit Dieter Falzon u l-kuntrattur J&K Contractors Ltd. filwaqt li għall-Public Works klienu preżenti s-sur Neville Vassallo u rappreżentant tal-kuntrattur li se jagħmel ix-xogħol. Waqt il-laqgħa kien hemm qbil li l-Kunsill ser jieħu ħsieb li jitneħħa l-hedge, isir ix-xogħol mill-kuntrattur tal-Public Works, u wara jitkompla x-xgħol mill-kuntrattur tal-Kunsill. Kien hemm ukoll qbil li s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ser jikkomunika mal-Enemalta fejn jintalbu jikkunsidraw iċaqilqu l-arbli li hemm il-linji tad-dawl magħhom minħabba li bil-bankina l-ġdida, dawn ser jiġu f'nofs il-bankina.
- 24/02/2026 - Laqgħa ma' Project Green u TM dwar id-dog park u l-passaġġ bejn il-Pembroke P&R u Triq Sant Andrija. Għall-laqgħa, għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, is-

Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, għall-PG il-Perit Grech Mallia, filwaqt li għal TM kienu preżenti il-Perit Antoinette Conti u s-sinjuri Ivan Pierre Vella u Stewart Aquilina. Waqt il-laqgħa kien hemm qbil li PG ser jaraw li fid-disinn tad-dog park jinkorporaw il-passaġġ li jgħaqqad il-Pembroke P&R ma' Triq Sant'Andrija, li jkun hemm buffer fuq is-sit tal-bus shelter u buffer bejn il-passaġġ u l-partijiet tad-dog park, li possibbilment l-aċċess jibqa' fejn jinsab bħalissa u li TM tagħti aċċess għall-pubbliku għall-faċilitajiet sanitarji, wara li dawn jiġu upgraded minn PG, inkluż li PG jieħdu ħsieb iż-żamma u l-manutenzjoni tagħhom.

03.06.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill **Internal Memo 04/2026** – Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 01/K9/26 u 03/K9/26. **(Ara Dok 01)**

03.06.3 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 04/2026** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

03.06.4 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.06.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.07 Rapport ta' TM dwar skejjel fil-lokal.

03.07.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li dan l-item ser jiġi diskuss aktar il-quddiem sabiex ikun jista' jitħejja programm holistiku.

## 03.08 Data għal-laqgħa tal-lokalita'.

03.08.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li skond Art. 70 tal-Kap 363, sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' April 2026, trid tissejjaħ laqgħa pubblika fejn fiha jiġu ppreżentata r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.

03.08.2 Fid-dawl ta' dan, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li din il-laqgħa għandha tinżamm nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu fis-18:00, wara li tintemm il-laqgħa tal-Kunsill.

03.08.3 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

03.08.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.09 Devoluzzjoni ta' art biex jiġi żviluppat Dog Park.

03.09.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Awtorità tal-Artijiet id-devoluzzjoni tal-art li hemm bejn Triq Sant'Andrija, Triq Dun Ġużepp Farrugia, il-Pembroke Park & Ride u Triq Tobruk, biex fiha, bl-għajnuna l-koperazzjoni u l-finanzjament ta' Project Green, jiġi żviluppat dog park u faċilitajiet oħra anċillari għall-użu tal-pubbliku. **(Ara Dok. 02)**

03.09.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

03.09.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.10 Devoluzzjoni ta’ art biex tiġi żviluppata BBQ area.

03.10.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Awtorità tal-Artijiet id-devoluzzjoni tal-art (pjattaforma tal-konkos) li hemm biswit Triq Martin Luther King, faċċata tal-Institute for Education, biex fiha, permezz ta’ DPF immaniġġjat mill-PA, jiġi żviluppat BBQ inkluż faċilitajiet oħra anċillari għall-użu tal-pubbliku. **(Ara Dok. 03)**

03.10.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.10.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.10.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti.

03.11.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 04, 05, 06, 07 u 08)**

03.11.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif indikat fl-iskeda.

03.11.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.11.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

03.12.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fl-16:50 wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 25 ta’ Marzu 2025 fl-4:30pm.

**Konfermati, illum 25 ta’ Marzu, 2026**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Av. Kaylon Zammit | Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt) |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Triq Alamein, Pembroke, PBK 1776, Malta
+356 2137 2111
pembroke.gov.mt
pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza ~~03~~ 04/2026** **25 ta' Frar 2026**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 02/K9/26 u 03/K9/26

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 027 | 2026 | MB Promotions | Tlabna sabiex jiġu rranġata back boards, 2 rings u nets li hemm fil-basketball court tal-Ġnien 4 ta' Lulju. |
| 028 | 2026 | J&K Contractors | Tlabna sabiex isir patching temporanju ta' trinek li saru mill-WSC fi Triq il-Profs Walter Ganado. |
| 029 | 2026 | Dieter Falzon | Tlabna sabiex jipprepara proposta għal zebra crossing temporanja miż-żona ta' biswit il-gabbana għan-naħa l-oħra tat-triq fi Triq il-Profs Walter Ganado. |
| 030 | 2026 | Vical Interiors Ltd. | Infurmajna li l-kwotazzjoni ġiet approvata u tlabna sabiex jissupplixxu u jwaħħlul 11-il zebra blinds ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill għall-prezz ta' €1,424 inkluż il-VAT u t-twaħħil. |
| 031 | 2026 | Smart Office Supplies Ltd | 3 Monitor Stand għall prezz ta' €49.65 vat inkluż. |
| 032 | 2026 | Mica Med | Tlabna sabiex tiġi rranġata lampa W082 billi tingħata supply minn post alternattiv. Il-lampa tinsab fi Triq Patri A Tonna Barthet c/w Trq Mons L. Mifsud Tommasi. |
| 033 | 2026 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jiġi rranġat rainwater culvert grid fi Triq Don Luigi Rigord kantuniera ma' Triq il-Mediterran. |
| 034 | 2026 | M-Quip Co Ltd | Approvazzjoni tal-kwotazzjoni għal xogħol fil-bandli 4 ta' Lulju għall-prezz ta' €666.70 inkluż il-VAT. |
| 035 | 2026 | Mica Med | Approvazzjoni sabiex jitkompla l-proġett għall-provvista u l-installazzjoni ta' dawl ġdid f'Sit B fi Triq Pietro Rossel. |
| 036 | 2026 | Mica Med | Tlabna sabiex jitneħħa l-periklu u jipprovdi u jinstalla globu li ntlaqat b'vettura quddiem Blokk A8 fi Triq Pietru D'Armenia. |
| 037 | 2026 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jitneħħa l-periklu u jirrenġa l-pilastru li ntlaqat minn vettura fi Triq Pietru D'Armenia quddiem Blokk A8. |
| 038 | 2026 | Mica Med | Tlabna sabiex tiġi rranġata lampa S028 li tinsab fi Triq Burma. |
| 039 | 2026 | Mica Med | Tlabna sabiex tiġi rranġata lampa S113 li tinsab fi Triq Pietru D'Armenia. |

Sindku : Av. Kaylon Zammit Viċi Sindku : Adrian Dominic Ellul Grech
Kunsilliera : Therise Abela, Carmel Cesare u Raymond Lanzon

Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 040 | 2026 | Mica Med | Tlabna sabiex jirrenġa tlett arbli li xxenglu bil-maltemp fi Triq il-Battalja ta' Malta. |
| 041 | 2026 | B.Grima & Sons | Tlabna sabiex issir tabella ta' CCTV's fi Triq l-Imħallef William Harding (bħal dik li saret fi Triq Camillo Sceberras. |
| 042 | 2026 | Dieter Falzon | Tlabna sabiex mal-applikazzjoni ta' DPF tiġi nkluża wkoll Triq Rużar Briffa kantuniera ma' Triq Mikiel Ang. Grima sabiex isir dawl ġdid u rranġar tal-bankini. |
| 043 | 2026 | Dieter Falzon | Tlabna sabiex issir stima tax-xogħol sħiħ li hemm bżonn isir sabiex wara ssir applikazzjoni ta' DPF biex isir railing fuq parti mill-bankina fi Triq il-Mediterran faċċata tal-BIS. |
| 044 | 2026 | Assoċazzjoni Kunsill Lokali | Tlabna sabiex il-Kunsill Lokali ikun inkluż fil-Polza tal-Assigurazzjoni tal-flus għal sena għall-prezz ta' €65.00. |
| 045 | 2026 | J&K Contractors | Tlabna sabiex issir patching ta' ħofra fi Triq Giorgio Mitrovich. |
| 046 | 2026 | B.Grima & Sons | Tlabna biex jiġu mmarkata l-parking bays fi Triq Martin Luther King. |
| 047 | 2026 | Mica Med | Tlabna biex jirrenġa l-connection box ta' arblu S030 li jinsab fi Triq Burma faċċata ta' San Giorgio Pharmacy. |
| 048 | 2026 | Cath's Home | Ordni ta' kuruna tal-fjuri għall-prezz ta' €65 inkluż il-VAT. |
| 049 | 2026 | Mica Med | Tlabna biex tiġi rranġata lampa L113 fi Triq Giorgio Mitrovich. |
| 050 | 2026 | Fire Tech | Tlabna jiċċekjaw waħda mill-cameras madwar il-bini tal-Kunsill minħabba li qed tindika ID Address conflict. |

Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Av. Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Dok 02

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-KULTURA,
L-ARTIJIET U L-GVERN LOKALI

# Formola tal-Applikazzjoni

## Amministrazzjoni ta' Proprjetà Pubblika

Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy

# 1 Informazzjoni Ġenerali.

Isem il-Kunsill Lokali: **Pembroke**

**Dettalji tal-persuna responsabbli għal din l-applikazzjoni:**

| | |
|---|---|
| **Av. Kaylon**<br>*(Isem)* | **Zammit**<br>*(Kunjom)* |
| **2137 2111**<br>*(Telefon)* | **7969 5409**<br>*(Mowbajl)* |
| *(Indirizz Elettroniku)* | |

# 2 Informazzjoni dwar il-Proprjetà.

Titlu: **Art abbandunata**

Indirizz: Art li tinsab bejn Triq Sant Andrija, Triq Dun Ġużepp Farrugia, Pembroke Park & Ride u Triq Tobruk

**F'liema kriterji taqa' din il-Proprjetà:**

Immarka **'X'** kif applikabbli (tista' timmarka aktar min kaxxa waħda)

| | |
|---|---|
| Mitluqa u/jew mhux żviluppata | **X** |
| Użata ħażin jew tista' tiġi żviluppata aħjar | **X** |
| B'xi mod relatata ma' xi funzjoni tal-Kunsill Lokali skond is-subartikolu 33 (1) ta' l-Att ta' l-1993 dwar Gvern Lokali. | **X** |

## 3 L-għan għall-użu futur ta' din il-Proprjetà.

Il-ħsieb tal-Kunsill li huwa li din l-art, li bħalissa m'għandha ebda użu, tiġi mibdula f'dog park tant bżonnjuż għaż-żona. Tali faċilita', peress li tinsab fil-viċin tal-konfini mal-Kunsill Lokali Swieqi, ser jaqdi lir-residenti ta' Pembroke, Swieqi, Ibraġġ u Maldiena.

Tinsab biswit parkeġġ kbir kif ukoll viċin diversi faċilitajiet sportivi u għalhekk hemm potenzjal li tintuża minn bosta nies. Il-ħsieb ukoll li jkun hemm faċilitajiet sportivi għall-użu tal-kommunita, kif ukoll xi picnic tables.

## Deskrizzjoni qasira tal-proġett propost fuq din il-proprjetà.

Il-ħsieb huwa li jkun hemm post sigur fejn wieħed jista' jieħu l-klieb tiegħu, post fejn ser ikollu partijiet segregati skond il-kobor tal-kelb kif ukoll partijiet fejn jsita' isir taħriġ kemm għall-klieb kif ukoll għal sidhom.

Il-kunċett ta' picnic tables huwa ħalli ż-żona s-servi ta' post għall-familja kollha.

## 4 Kif ser tiġi amministrata l-proprjetà skont paragrafu 3.2 'f'

Immarka **'X'** kif applikabbli

| | |
|---|---|
| Il-Kunsill Lokali **WAĦDU** | |
| Il-Kunsill Lokali bi **SĦAB** ma' **TERZI PERSUNI** * | X |
| Il-Kunsill Lokali iżda b'**SULLOKAZZJONI TOTALI** lil **TERZI** * | |
| Il-Kunsill Lokali iżda b'**SULLOKAZZJONI** ta' **PARTI** lil **TERZI** * | |

* L-investiment, iż-żamma u l-manutenzjoni tal-post ser issir minn Project Green.

## 5. Dokumenti li jridu jiġu sottomessi flimkien ma' din il-formola.

Jekk il proposta taqa taħt il-paragrafu 3.3 'a'

| | |
|---|---|
| Kopja tal-**MINUTI APPROVATI** jew **RIŻOLUZZJONI** tal-Kunsill iffirmati fejn qed japprova li ssir it-talba għall-Amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika, inkluż l-**APPROVAZZJONI TAL-FINANZJAMENT** għall-ispiża involuta fejn applikabbli | X |
| ***SITE PLAN*** li tindika fejn jinsab is-sit/ proprjetà | X |
| **RITRATTI** attwali tas-Sit/Proprjetà | X |
| **PJAN TA' AZZJONI** ta' kif ħa jiġi mplimentat il-proġett fejn applikabbli | |
| **DIKJARAZZJONI** mill-Accountant tal-Kunsill Lokali li l-proġett ma jippreġudikax b'mod negattiv il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill u l-kapaċità tiegħu li jwettaq il-funzjonijiet statutorji tiegħu. | X |
| **KONFERMA** bil-miktub tal-fondi, mill-entità li ser tiffinanzja l-ispiża jekk il-proġett jaqa' taħt Artiklu 3.2ġ. | X |

Jekk il proposta taqa taħt il-paragrafu 3.3 'b'

| | |
|---|---|
| Kopja tal-**MINUTI APPROVATI** jew **RIŻOLUZZJONI** tal-Kunsill iffirmati fejn qed japprova li ssir it-talba għall-Amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika, inkluż l-**APPROVAZZJONI TAL-FINANZJAMENT** għall-ispiża involuta | |
| ***SITE PLAN*** li tindika fejn jinsab is-sit/ proprjetà | |
| **RITRATTI** attwali tas-Sit/Proprjetà | |
| **DIKJARAZZJONI** mill-*Accountant* tal-Kunsilli Lokali li l-Kunsill jinsab f'pożizzjoni finanzjarja stabbli u kapaċi jonora l-obligazzjonijiet finanzjarji tal-proġett propost. Tali dikjarazzjoni għandha tindika fejn hu elenkat il-proġett propost fil-business plan kurrenti | |
| **KOPJA** tal-*Business Plan* u l-*Annual Budget* li jirriflettu l-ispiża tal-proġett propost | |
| **PJAN TA' AZZJONI** ta' kif ħa jiġi mplimentat il-proġett | |
| ***FINANCIAL FEASIBILITY STUDY*** (li jkopri d-dħul u l-ħruġ finanzjarju) li juri l-ispiża totali tal-proġett fuq ta' dan is-sit/propjeta'. Id-dettalji tal-finanzjament għandhom jinkludu l-introjtu u spejjeż oħra marbuta mal-proġett u tinkludi kull attività oħra minn **TERZI** jekk applikabbli | |
| **FORMOLA GĦALL-EVALWAZZJONI FINANZJARJA** | |

# 6 Dikjarazzjoni tal-Kunsill Lokali.

F'isem il-Kunsill Lokali ta' _________PEMBROKE___________________

aħna hawn taħt iffirmati qed niddikjaraw li l-informazzjoni kollha sottomessa f'din il-formola hija korretta u attwali.

Niddikjaraw li qed nissottomettu l-informazzjoni kollha meħtieġa u naċċettaw li nimxu skond il-kundizzjonijiet stipulati fil-Policy dwar id-Devoluzzjoni Lokali. Niddikjaraw ukoll li se naderixxu mal-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-Kuntratt li 'l quddiem se jiġi

ffirmat bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorita' ta' l-Artijiet, jekk din it-talba għad-devoluzzjoni tiġi milqugħa.

# 7 Firmatarji.

Firma Sindku

Kaylon Zammit
Mayor of Pembroke

*Timbru uffiċjali bl-Isem Sħiħ:*

208297 (M)

*Numru tal-Karta tal-Identità:*

Firma Segretarju Eżekuttiv

Kevin Borg
Executive Secretary

*Timbru uffiċjali bl-Isem Sħiħ:*

550474 (M)

*Numru tal-Karta tal-Identità:*

| Data tal-Applikazzjoni | 25<br>Jum | 02<br>Xahar | 2026<br>Sena |
|---|---|---|---|

Dok 03

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-KULTURA, L-ARTIJIET U L-GVERN LOKALI

# Formola tal-Applikazzjoni

## Amministrazzjoni ta' Proprjetà Pubblika

Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy

# 1 Informazzjoni Ġenerali.

Isem il-Kunsill Lokali: **Pembroke**

**Dettalji tal-persuna responsabbli għal din l-applikazzjoni:**

| | |
|---|---|
| **Av. Kaylon**<br>*(Isem)* | **Zammit**<br>*(Kunjom)* |
| **2137 2111**<br>*(Telefon)* | **7969 5409**<br>*(Mowbajl)* |
| *(Indirizz Elettroniku)* | |

# 2 Informazzjoni dwar il-Proprjetà.

| | |
|---|---|
| Titlu: | **Art abbandunata** |
| Indirizz: | Art tal-konkrit li tinsab off Triq Martin Luther King |

**F'liema kriterji taqa' din il-Proprjetà:**

Immarka **'X'** kif applikabbli (tista' timmarka aktar min kaxxa waħda)

| | |
|---|---|
| Mitluqa u/jew mhux żviluppata | **X** |
| Użata ħażin jew tista' tiġi żviluppata aħjar | **X** |
| B'xi mod relatata ma' xi funzjoni tal-Kunsill Lokali skond is-subartikolu 33 (1) ta' l-Att ta' l-1993 dwar Gvern Lokali. | **X** |

## 3 L-għan għall-użu futur ta' din il-Proprjetà.

Il-ħsieb tal-Kunsill li huwa li din l-art, li bħalissa m'għandha ebda użu, tiġi mibdula f'bbq area li tinkludi seating area.

## Deskrizzjoni qasira tal-proġett propost fuq din il-proprjetà.

Il-ħsieb huwa li jkun hemm post sigur fejn wieħed ikun jista' imur jagħmel bbq mal-familja f'post sigur u nadif. Il-kosta ta' Pembroke kollha tifforma parti miż-żona Natura2000, u għalhekk mhux permessi ċerti finzjonijiet.

Il-Kunsill ħaseb biex din iż-żona tiġi upgraded billi jsiru faċilitajiet għall-BBQ, seating adegwat, play are agħal-tfal, faċilitajiet sanitarji u tiddawwal.

B'hekk wieħed igawdi post fin-natura, jħares lejl il-kosta, u jgawdi l-veduti li hemm fil-post.

## 4 Kif ser tiġi amministrata l-proprjetà skont paragrafu 3.2 'f'

Immarka **'X'** kif applikabbli

| | |
|---|---|
| • Il-Kunsill Lokali **WAĦDU** | X |
| • Il-Kunsill Lokali bi **SĦAB** ma' **TERZI PERSUNI** * | |
| • Il-Kunsill Lokali iżda b'**SULLOKAZZJONI TOTALI** lil **TERZI** * | |
| • Il-Kunsill Lokali iżda b'**SULLOKAZZJONI** ta' **PARTI** lil **TERZI** * | |

| * | |
|---|---|

## 5. Dokumenti li jridu jiġu sottomessi flimkien ma' din il-formola.

Jekk il proposta taqa taħt il-paragrafu 3.3 'a'

| | |
|---|---|
| • Kopja tal-**MINUTI APPROVATI** jew **RIŻOLUZZJONI** tal-Kunsill iffirmati fejn qed japprova li ssir it-talba għall-Amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika, inkluż l-**APPROVAZZJONI TAL-FINANZJAMENT** għall-ispiża involuta fejn applikabbli | X |
| • ***SITE PLAN*** li tindika fejn jinsab is-sit/ proprjetà | X |
| • **RITRATTI** attwali tas-Sit/Proprjetà | X |
| • **PJAN TA' AZZJONI** ta' kif ħa jiġi mplimentat il-proġett fejn applikabbli | |
| • **DIKJARAZZJONI** mill-Accountant tal-Kunsill Lokali li l-proġett ma jippreġudikax b'mod negattiv il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill u l-kapaċità tiegħu li jwettaq il-funzjonijiet statutorji tiegħu. | X |
| • **KONFERMA** bil-miktub tal-fondi, mill-entità li ser tiffinanzja l-ispiża jekk il-proġett jaqa' taħt Artiklu 3.2ġ. | X |

Jekk il proposta taqa taħt il-paragrafu 3.3 'b'

| | |
|---|---|
| • Kopja tal-**MINUTI APPROVATI** jew **RIŻOLUZZJONI** tal-Kunsill iffirmati fejn qed japprova li ssir it-talba għall-Amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika, inkluż l-**APPROVAZZJONI TAL-FINANZJAMENT** għall-ispiża involuta | |

| | |
|---|---|
| • ***SITE PLAN*** li tindika fejn jinsab is-sit/ proprjetà | |
| • **RITRATTI** attwali tas-Sit/Proprjetà | |
| • **DIKJARAZZJONI** mill-*Accountant* tal-Kunsilli Lokali li l-Kunsill jinsab f'pożizzjoni finanzjarja stabbli u kapaċi jonora l-obligazzjonijiet finanzjarji tal-proġett propost. Tali dikjarazzjoni għandha tindika fejn hu elenkat il-proġett propost fil-business plan kurrenti | |
| • **KOPJA** tal-*Business Plan* u l-*Annual Budget* li jirriflettu l-ispiża tal-proġett propost | |
| • **PJAN TA' AZZJONI** ta' kif ħa jiġi mplimentat il-proġett | |
| • ***FINANCIAL FEASIBILITY STUDY*** (li jkopri d-dħul u l-ħruġ finanzjarju) li juri l-ispiża totali tal-proġett fuq ta' dan is-sit/propjeta'. Id-dettalji tal-finanzjament għandhom jinkludu l-introjtu u spejjeż oħra marbuta mal-proġett u tinkludi kull attività oħra minn **TERZI** jekk applikabbli | |
| • **FORMOLA GĦALL-EVALWAZZJONI FINANZJARJA** | |

# 6 Dikjarazzjoni tal-Kunsill Lokali.

F'isem il-Kunsill Lokali ta' ________PEMBROKE__________________

aħna hawn taħt iffirmati qed niddikjaraw li l-informazzjoni kollha sottomessa f'din il-formola hija korretta u attwali.

Niddikjaraw li qed nissottomettu l-informazzjoni kollha meħtieġa u naċċettaw li nimxu skond il-kundizzjonijiet stipulati fil-Policy dwar id-Devoluzzjoni Lokali. Niddikjaraw ukoll li se naderixxu mal-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-Kuntratt li 'l quddiem se jiġi ffirmat bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorita' ta' l-Artijiet, jekk din it-talba għad-devoluzzjoni tiġi milqugħa.

# 7 Firmatarji.

| Firma Sindku | Firma Segretarju Eżekuttiv |
|---|---|
| Kaylon Zammit<br>Mayor of Pembroke | Kevin Borg<br>Executive Secretary |
| *Timbru uffiċjali bl-Isem Sħiħ:* | *Timbru uffiċjali bl-Isem Sħiħ:* |
| 208297 (M) | 550474 (M) |
| *Numru tal-Karta tal-Identità:* | *Numru tal-Karta tal-Identità:* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Data tal-Applikazzjoni | 25<br>Jum | 02<br>Xahar | 2026<br>Sena |